Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ

Deaf People Association (Malta)
45, Lascaris Wharf
Valletta
VLT 1921
Malta

Fax: (+356) 21245823
Email: info@deafmalta.com
Website: www.deafmalta.com

**Ċirkulari - Awissu/Settembru 2015**

**EVVIVA**

Bi pjaċir inħabbru li l-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ hija waħda mil-membri fundaturi tal-organizzazzjoni li għadha kif ġiet iffurmata ghall-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità. Din l-organizzazjoni hija magħrufa bħala EVVIVA: Indaqs, Validi, Viżibbli, Inklużivi, Vokali u Aċċessibbli, u se titnieda uffiċjalment aktar tard din is-sena.

**Laqgħa Ġenerali Annwali**

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ saret fid-Deaf Club fid-29 ta' Mejju 2015.

**BBQ b'risq Dar tal- Providenza**

Id-Dar tal-Providenza
Homes of Persons with Disabilities

Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Awissu 2015, membri u ħbieb tal-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ inġabru fid-Dar tal-Providenza fis-Siġġiewi għal BBQ. Magħna ukoll ingħaqdu viżitaturi mill-Italja neqsin mis-smigħ u li jużaw is-sinjali, fosthom Sr Veronica Donatello u l-ġenituri tagħha li huma neqsin mis-smigħ. L-avveniment qajjem 700 Euro għad-Dar tal-Providenza. Il-kumitat jixtieq jirringrazzja lil Fr. Martin għall-appoġġ tiegħu.

**Tour tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti**



L-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ flimkien ma 'Heritage Malta', l-għaqda ta' l-interpreti u l- Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) organizzat tour tal-Mużew Nazzjonali tal-Arti bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Minn qalbna nixtieqυ nirringrazzjaw lis-Sur Matthew Giordmaina li organizza dan l-avveniment. Aħna ninsabu ħerqanin biex nerġgħu naħdmu flimkien u nagħmlu l-mużewijiet lokali u attrazzjonijiet turistiċi aktar aċċessibbli għall-persuni neqsin mis-smigħ.

**George Vella jirbah midalja tal-Fidda**



F'Mejju li għadda, is-Sur George Vella, li huwa l-ex President ta' l-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ kif ukoll atleta tad-Deaflympics, irrappreżenta lil Malta fil-Kampjonati tal-Maratona Ewropej miżmuma ġewwa Lublin, fil-Polonja. Is-Sur Vella spiċċa it-tigrija b'ħin impressjonanti ta' tliet sigħat, minuta u 16 -il sekonda, u b'hekk kiseb l-midalja tal-fidda. Nifirħu lis-Sur Vella tas-suċċess sportiv tiegħu u nirringrazzjawh tal-ħidma tiegħu ma Malta Deaf Sports Association.

**<u>Avvenimenti li jmiss:</u>**

**BBQ t'għeluq is-Sajf**



L-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ se jorganizzaw BBQ nhar il-Ġimgħa 11 ta' Settembru fil-lukanda Victoria Tas-Sliema. Il-prezz jinkludi buffet ta' erba' korsijiet, inbid, birra, *soft drinks* u ilma.

Biljetti:
Kbar: €25 għal kull persuna.
Tfal etá 7 - 12: €12.50
Tfal taħt 6 snin: B'xejn

Il-parking tal-lukanda huwa b'xejn (*first come first served*). Jekk jogħġobkhom ibbukkjaw u ħallsu d-depożitu billi tibgħatu email fuq info@deafmalta.com jew billi tikkuntattjaw lil xi ħadd mill-membri tal-Bord.

**Jum Ewropew tal-Lingwi 2015**



L-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ se tipparteċipa fil-Jum Ewropew tal-Lingwi fis-26 ta' Settembru 2015 fil-pjazza ta' St Anne li tinsab ħdejn Zara Tas-Sliema. Waqt dan l-avveniment se tkun promossa l-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM).

**Deaf Week 2015**




Il-Federazzjoni Dinjija tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ ħabbret li l-ġimgħa internazzjonali tal-persuni neqsin mis-smigħ din is-sena ser ssir taħt it-tema 'Bid-drittijiet tal-Lingwa tas-Sinjali, Uliedna jistgħu!' (*'With Sign Language Rights, Our Children Can!'*). L-Għaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigħ Malta se timmarka l-ġimgħa internazzjonali tal-persuni neqsin mis-smigħ b'numru ta' avvenimenti:

- 25 ta' Settembru 2015 - riċeviment ġewwa d-Deaf Club fit-8pm.
- 26 ta' Settembru 2015 - *stand* fejn se tkun promossa il-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM) fl-avveniment tal-Jum Ewropew tal-Lingwi li se jsir tas-Sliema (ara hawn fuq ghal aktar dettalji)




**Ftuħ tad-Deaf Club**

Id-Deaf Club se jerġa' jibda jiftaħ kull ġimgħa mil-25 ta' Settembru. Il-Club (li jinsab f'Lascaris Wharf qrib Valletta Waterfront) se jiftaħ kull nhar ta' Ġimgha mit-8pm sat-tard. Ejjew iltaqghu mal-ħbieb jew ilgħabu logħba billiard. Xorb u *snacks* jistgħu jinxtraw mill-bar.

**Jekk jogħġobkhom segwu l-paġna tal-Facebook tagħna għal aktar aġġornamenti:**
https://www.facebook.com/DeafMalta